



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2089/2013 imressqa minn Thomas Quade, ta' nazjonalità Ġermaniża, dwar sinjali tat-traffiku standard fl-awtopisti Ewropej**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew biex jiżgura l-introduzzjoni, sa massimu ta' tliet snin, ta' sinjali tat-traffiku uniformi fl-awtopisti kollha tal-UE b'ittri bojod fuq sfond aħdar, billi jsostni li dan iżid sew l-istandards ta' sigurtà.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Awwissu 2014. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

#### Il-kummenti tal-Kummissjoni

Meta teżisti l-ebda leġislazzjoni tal-UE fir-rigward ta' sinjali tat-triq Madankollu, bosta Stati Membri tal-UE, inkluż il-Ġermanja huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar is-Sinjali u l-Indikazzjonijiet Stradali tal-1968 imħejji mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Traffiku fit-Triq u b'sorveljanza tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE). L-UNECE ħolqot Grupp ta' Esperti dwar is-Sinjali u l-Indikazzjonijiet Stradali, u li attwalment tinsab fil-proċess ta' ġbir u analiżi tal-informazzjoni rigward is-sinjali stradali skont il-pajjiż bil-għan li jiġu rakkomandati azzjonijiet futuri li jistgħu jinkludu l-emenda tal-Konvenzjoni.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-petizzjonant jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali fil-

Ġermanja biex jivverifika jekk l-ideat tiegħu jistgħux jiġu meqjusa fil-kuntest tal-ħidma kontinwa tal-Grupp ta' Esperti rilevanti tal-UNECE.